.

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 7/2022

15 ta' Ġunju, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**7.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus kien ser jattendi aktar tard għal laqgħa.

Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal ref punt 7.4 mill-Agenda minħabba li kien hawn preżenti l-President u s-Segretarju tal-Każin San Pawl kif ukoll l-Kumitat tan-nar.

**7.4 Festa 2022**

Is-Sindku qal li dawk kollha preżenti li l-Kunsill kien ser jagħmel proġett ta' tisbiħ fil-pjazza għaldaqstant il-Kunsill xtaq ikun jaf jekk il-planċier setax jiċċaqlaq minn fejn kien jintrama. Is-Sindku għadda l-pjanti ta' kif hu maħsub li tiġi l-pjazza. Saret diskussjoni fejn kien hemm qbil li l-planċier ma kienx possibbli li jiċċaqlaq minn fejn jiġi armat.

Is-Sindku qal li kien irċieva talba mill-Kumitat sabiex Triq il-Kuċċard tingħalaq għat-traffiku dik il-ġimgħa tal-festa minħabba n-nar tal-art. Saret diskussjoni kif kien l-aħjar mod li jgħaddi t-trasport pubbliku waqt li Triq il-Kuċċard tkun magħluqa. Il-Kunsill qabel li l-aħjar mod hi li t-trasport pubbliku jidħol mis-Service Road ta' Triq il-Kuċċard u jdur mar-roundabout ta' Vjal ix-Xarolla lejn iż-Żurrieq filwaqt li t-trasport pubbliku jgħaddi lejn il-Belt minn ħdejn il-Convenience Store ta' Triq iż-Żurrieq u jdur lejn Triq Dun Karm Lia. Il-Kumitat tal-Każin talab li s-Sibt tal-Festa, Triq il-Kuċċard tingħalaq kompletament għat-traffiku mill-4:00pm 'il quddiem kif ukoll ma jsirx parkeġġ f'dawn il-ħinijiet. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi Sindku daħal għal laqgħa 5.45pm

Il-Kunsill iddiskuta ukoll in-numru ta' floodlights li ser ikun hemm bżonn fi Triq il-Kuċċard kif ukoll li xi ħadd għandu jiġbor il-barriers biex jingħalqu t-toroq.

Wara li ġew diskussi l-punti relatati mal-Festa 2022 il-Kumitat ħareġ mil-laqgħa sabiex il-Kunsill ikompli mal-Agenda.

**7.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

7.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal ref punt 6.1.1 (xogħolijiet ta' culverts fi Triq l-Iskola) il-culverts ma kinux ġejjin quddiem il-kunvent tas-sorijet imma f'salib it-toroq.

7.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 6.1.4 (tisqija fi Ġnien t'Amparell) ma kienx fehem li kellu jieħu ħsieb huwa meta ssir it-tisqija. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li l-Kunsillier Publio Abdilla jara meta kien l-aħjar żmien li ssir it-tisqija tas-siġar fi Ġnien t'Amparell.

7.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 6.1.6 għandha tindika li x-xtabi huma tal-bjar fi Ġnien Sir Alexander Ball).

7.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 6.2.6 (trenching fi Triq it-Torri ta' Ġawhar) ma ssemmiex li minn fejn ser tgħaddi l-fergħa tal-ilma ġdida huwa kollu f'żona xagħri u staqsa għaliex ma ssirx fergħa għal Ġnien Sir Alexander Ball fejn aktar bdiewa setgħu jgawdu minn dan il-proġett. Is-Sindku qal li l-fergħa indikata hija maħsuba li tibqa' tiela' saż-Żurrieq. Pero' dan ma jeskludix li jkun hemm ferghat f'toroq ohrajn fosthom lejn il-Gnien Alexander Ball.

7.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 6.2.2 (invit għal laqgħa d-Dementia centre) kellu żball u kellha ssir fit-28 ta' Ġunju pero' kien għadhom ma qalulux jekk hux ser ikun mistieden waħdu.

7.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li f'Misraħ San Ġużepp kellhom isiru l-bollards sabiex ma jsir parkjar irregolari. Is-Sindku qal li kien kellem lill-kuntrattur sabiex jaghtina stima biex isir ix-xoghol.

**7.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.2.1 Is-Sindku għadda invit għal pussess tal-Kappillan il-ġdid. Huwa spjega li l-Kunsill kellu jiltaqa' ħdejn id-dar tal-Kappillan fil.5:15pm sabiex isir korteo.

7.2.2 Is-Sindku qal li l-ġurnata ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill kellu laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli. Is-Sindku spjega li l-aktar li l-Kunsill iffoka waqt din il-laqgħa kienet il-possibbilita' li jsir *underground parking* taħt Gnien Dun Karm Vella. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu jieħu risposta jekk kienx ser ikollna għajnuna biex inwettqu dan il-proġett u jekk ikun fl-affermattiv l-ewwel li jkollu jagħmel il-Kunsill huwa *survey* sabiex nkunu nistgħu mmexxu. F'kaz li l-underground parking ma jkunx jista'jsir, allura l-Kunsill ghandu jmexxi sabiex isir l-embellishment mehtieg tal-gnien Dun Karm Vella.

Is-Sindku qal li l-proġett tad-Dog Park kien għadu fil-proċess tal-*procurement.*

7.2.3 Is-Sindku qal li rigward il-proġett tal-pjazza l-Kunsill attenda laqgħa mal-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu jagħmel stima tal-proġett sabiex ngħadduh lill-Ministeru.

7.2.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien attenda laqgħa mal-ispettur tal-*Community Policing.* Huwa spjega li l-*Community Policing* f'Ħal Safi kien ser ikun maqsum flimkien mal-Imqabba u Ħal Kirkop u li kien ser jibda lejn l-aħħar ta' Lulju/bidu ta' Awwissu 2022. Is-Sindku spjega l-Kunsill kellu talba sabiex jipprovdi kamra temporanja ghall-uzu tal-Community

Policing sakemm isir ir-*refurbishment* tal-għassa ta' Ħal Safi. Hu ssuggerixxa li ghalissa tintuza s-sala tal-IT. Il-Kunsill qabel.

7.2.5 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal laqgħa l-iskola sekondarja San Benedittu minħabba l-kwistjoni tal-iskola primarja. Huwa spjega li l-pjan li Ħal Safi jospita t-tfal tal-iskola ta' Ħal Għaxaq kien għadu l-istess. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu laqgħa oħra l-Ġimgħa ta' wara l-laqgħa tal-Kunsill fejn ser jingħata aktar dettalji. Is-Sindku spjega li din id-deċiżjoni tista' toħloq ftit problemi f'Ħal Safi speċjalment l-influss ta' karozzi u nuqqas ta' parkeġġ.

7.2.6 Is-Sindku qara *e-mail* mibgħuta minn *Science Club* rigward il-possibbilita' li nerġgħu nagħmlu s-science lessons. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill lest li joffri s-sala b'xejn biex isiru l-lezzjonijiet pero' il-Kunsill iħoss li ma tagħmilx sens li t-tender biex jiġi ngaġġat l-għalliem johorgu l-Kunsill.

7.2.7 Is-Sindku qal li dak inhar il-Kunsill kien irċieva notifikament li kienu ser jingħalqu Triq iż-Żurrieq u Triq Bronja għat-traffiku minħabba li kienu ser isiru xi xogħolijiet mill-Kunsill taz-Żurrieq. Huwa spjega li x-xogħolijiet kienu ser idumu sitt xhur u spjega li kien bagħat e-mail lill-Infrastructure Malta minħabba li l-Kunsill ma kienx infurmat minn qabel rigward dawn ix-xogħolijiet u minħabba li ma kienx sar kordinament kif ser jgħaddi t-traffiku u tal-linja. Is-Sindku qal ukoll li kien infurmat li x-xogħolijiet kienu ser isiru mill-Public Works u mhux minn Infrastructure Malta.

**7.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

7.3.1 Il-Kunsillier is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-attivita' Qamar il-Għasel kienet suċċess. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li kollox mar sew pero' tajjeb li nikkunsidraw li nbiddlu l-ħin tal-attivita' minhabba s-shana.

7.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward l-arblu tar-roundabout fi Triq il-Karwija. Is-Sindku spjega li kien bagħat il-ħaddiema li kienu infurzawh.

7.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa x'kien ser isir minħabba l-kwistjoni ta' nuqqas ta' toqob fi Triq il-Kuċċard minħabba n-nar tal-art. Is-Sindku qal li waqt li kienet qed issir it-triq kellu l-impressjoni li membri tal-Kazin kienu ftiehmu mal-perit dwar in-numru ta' toqob u fejn dawn ghandhom isiru. Ovvjament sabiex isiru iktar wiehed irid jara ma' Infrastructure Malta peress li t-triq illum lanqas ghadha taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill.

7.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li s-soft area ħdejn iċ-ċimiterju kellha bżonn tinżabar.

7.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien hemm tabella int u tiela' minn fejn il-Lidl li kienet qegħda ħażin u għalhekk għandha tinbidel. Is-Sindku qal li kien se jiccekkja.

7.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa meta kien ser jinqata' l-ħaxix fir-rural. Is-Sindku spjega li kienu ġejjin saħansitra konna ibbukjajna l-wardens pero' l-appuntament kien tħassar u issa kienu ġejjin aktar tard.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-ħaxix ft'Amparell kien għadu hemm. Is-Sindku qal li l-haxix fil-gnien T'Amparell kien tnehha.

7.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kellu jirranga t-timing tal-funtana tat-triq tal-Karwija issa li qegħdin fi żmien tas-sajf. Il-Kunsill qabel li ngħidu lill-Inginier sabiex jikkordina t-timing u naraw kif jigi.

7.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jagħti rigal lill-Kappillan il-ġdid għall-pussess. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien xtara rigal u għadda ritratt tar-rigal lill-Kunsilliera.

7.5 Ħatra Bord Aġġudikar Kuntratt tal-Knis

Is-Sindku spjega li kien jinħtieġ isir l-aġġudikar tal-Kuntratt tal-Knis. Il-Kunsill qabel li għandna nagħżlu ġurnata u min ikun disponibbli jkun fuq il-bord basta jkun hemm is-Sindku bħala Chairperson u tlett kunsilliera oħra.

**7.6 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi korrispondenza**.**

**7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**7.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmis**

Il-laqgħa ntemmet fil-18.55. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju, 2022 fil-5:00pm.

Johan Mula Doris Baldacchino

Sindku Segretarju Eżekuttiv